# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar is- 7 ta' Frar 2024

**Rik. Gur. Nru.: 109/2022 JPG**
**Kawza Numru : 2**

**FF**

**Vs**

**U b'digriet tal-10 ta' Awwissu 2022 Dr Joseph Brincat u PL Gillian Muscat gew nominati bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapresentaw lill-assenti EE**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' FF datat 18 ta' Mejju 2022, *a fol 1* li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet zzewwgu gewwa Malta fit-2 ta' Ottubru 2016 (Dok. FF1) u minn dan iz-zwieg twieldet tifla AE, nhar X;*

2. *Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minhabba ragunijiet unikament imputabbli lill-intimata fosthom ingurji gravi, eccessi u sevizzi ghalhekk il-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli;*

3. *Illi l-intimat ilu 'l fuq minn sena li telaq minn Malta u litteralment sparixxa*

*mill-hajja tar-rikorrenti u tal-minuri, minghajr ma qatt rega' ghamel xi forma ta' kuntatt, jew onora l-obbligi tieghu ta' genitur;*

4. *Illi l-attrici istitwiet proceduri ta' medjazzjoni fejn giet debitament awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti permezz tad-digriet data 4 ta' Mejju 2022 (Dok. FF2) sabiex jintavola dawn il-proceduri;*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi l-esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal raguni li z-zwieg tkisser irrimedjabilment minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-intimat;*

2. *Tiddikjara illi l-pajjiz ta' residenza abittwali tal-minuri AE huwa Malta u cioe', fejn l-istess minuri twieldet u dejjem ghexet, flimkien mar-rikorrenti;*

3. *Tawtorizza u tiddikjara li l-attrici tigi fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri AE ;*

4. *Tiffissa retta alimentarja mensili illi l-intimat ghandu jhallas fl-interess tat-tifla minuri skond il-Ligi;*

5. *Tawtorizza lir-rikorrenti tghammed lill-bintha minuri bhala Nisranija (Roman Catholic), u cioe', ir-religjon li thaddan ir-rikorrenti u li fuq kollox tirrispekkja l-ambjent li fih qeghdha tghix u tittrabba l-istess minuri;*

6. *Tordna illi l-partijiet jkunu responsabbli sabiex jhallsu nofs l-ispejjez kollha konnessi mal-edukazzjoni, sahha u dawk extra kurrikulari tal-istess minuri;*

7. *Tillikkwida dawk l-oggetti mobbli mizmuma b'mod kongunt bejn il-partijiet;*

8. *Tordna lill-intimat jhallas lir-rikorrenti nofs l-ammonti kollha illi l-attrici kienet kostretta li thallas, liema ammonti jirrappresentaw djun inkorsi mill-*

*intimat, u li jiffurmaw parti mill-kommunjoni tal-akkwisti.*

9. *Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tiffirma wehedha u/jew ghan-nom tal-intimat kwalsiasi dokument relatat mas-sahha, edukazzjoni u benessere in generali tal-minuri, inlkuz applikazzjonijiet ghall-hrug u/jew tigdid ta' passaport tal-istess minuri;*

10. *Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe' F.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati datata 16 ta' Novembru 2022 *a fol 46.*, li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti ma humiex edotti mill-fatti pero' lanqas ma huwa possibbli ghalihom bhalma jigri f'kazijiet simili ta' certi nazzjonalitajiet illi jinstab l-istess EE.*

2. *Illi dwar il-fatti konjugali l-esponenti jirrimettu ruhhom ghall-provi u jirriservaw biss jekk ikun hemm bzonn il-kontro-ezami.*

3. *Illi dwar ir-residenza, di ghandha tigi dikjarata li hija tal-omm.*

4. *Dwar it-talba numru 9 biex jigi evitat kull dubju is-seta' tal-genitur skont l-artiklu 154 tal-Kodici Civili ghandha tghaddi esklussivament ghand l-omm u dan peress li jkun hemm diffikultajiet anke ma' dipartimenti li kulhadd jaghti l-interpretazzjoni tieghu u ma joqghodux illi l-awtorita' tal-genitur f'persuna wahda tkopri kollox u ma jkunx hemm, ebda distinzjonijiet jew interpretazzjonijiet ghax poter inghata u ma nghatax.*

   *Dikjarazzjoni tal-fatti.*

1. *Illi huma mhumiex edotti mill-fatti pero' lanqas huwa possibbli ghalihom bhalma jigri f'kazijiet simili ta' certi nazzjonalitajiet illi jinstab l-istess EE.*

2. *Illi dwar il-fatti konjugali l-esponenti jirrimettu ruhhom ghall-provi u jirriservaw biss jekk ikun hemm bzonn il-kontro-ezami.*

3. *Illi dwar ir-residenza, din ghandha tigi dikjarata li hija tal-omm.*

4. *Dwar it-talba numru 9 biex jigi evitat kull dubju is-seta' tal-genitur skont l-artiklu 154 tal-kodici Civili ghandha tghaddi esklssivament ghand l-ommu dan peress li jkum hemm diffikultajiet anke ma' dipartimenti li kulhadd jaghti l-interpretazzjoni tieghu u ma joqghodux illi l-awtorita' tal-genitur f'persuna wahda tkopri kollox u ma jkunx hemm ebda distinzjonijiet jew interpretazzjonijiet ghax poter inghata u ma nghatax.*

5. *Illi huma mhumiex edotti mill-fatti pero' lanqas huwa possibbli ghalihom bhalma jigri f'kazijiet simili ta' certi nazzjonalitajiet illi jinstab l-istess EE.*

6. *Illi dwar il-fatti konjugali l-esponenti jirrimettu ruhhom ghall-provi u jirriservaw biss jekk ikun hemm bzonn il-kontro-ezami.*

7. *Illi dwar ir-residenza, di ghandha tigi dikjarata li hija tal-omm.*

8. *Dwar it-talba numru 9 biex jigi evitat kull dubju is-seta' tal-genitur skont l-artiklu 154 tal-Kodici Civili ghandha tghaddi esklussivament ghand l-ommu dan peress li jkun hemm diffikultajiet anke ma' dipratimenti li kulhadd jaghti l-interpretazzjoni tieghu u ma joqghodux illi l-awtorita' tal-genitur f'persuna wahda tkopri kollox u ma jkunx hemm, ebda distinzjonijiet jew interpretazzjonijiet ghax poter inghata u ma nghatax.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi Dr Brincat iddikjara nhar il-15 ta' Jannar 2024 illi l-intimat ma ghamilx kuntatt mieghu u ghalhekk ma kellux provi x'jipproduci u irrimetta ruhu fuq il-provi gia esebiti. (Vide fol 334)

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

***L-attrici xehdet permezz ta'affidavit (vide fol 58 et seq)*** u spjegat illi iltaqghet mal-intimat fil-25 ta' Lulju 2015, tramite habiba in komuni. Illi minn hemm zvolgiet ir-relazzjoni taghhom. Meta infurmat lill-genituri taghha bir-relazzjoni taghha mal-intimat, huma ma kienux kuntenti b'dan, anke peress li kien hemm distakk fl-eta' bejnha u l-intimat ta' ghaxar snin. Dak iz-zmien kienet ghadha kif qabdet tahdem xoghol gdid, u ghalhekk hi u l-intimat ddecidew li jikru u jmorru jghixu flimkien. Tixhed illi minkejja fl-ewwel perjodu tar-relazzjoni taghha, l-intimat kien gentili u juri affett, isemmi illi l-attitudni tieghu inbidlet kompletemanet meta darba minnhom kienet Paceville mieghu mixjin, u selmet lil xi hadd tas-sess oppost. L-intimat sar aggressiv hafna u ghamel xenata shiha u anke kien qabadha minn idha.

Hekk kif marru jghixu flimkien, l-intimat kien waqaf jahdem, u ghalhekk hi kienet iggorr il-piz finanzjarju kollu. Illi kien hemm zmien fejn kellha ticcahhad mill-aktar affarijiet bazici bhal medicina, u visti ghand t-tabib meta kienet tkun ma tiflahx. Illi wara perjodu fejn kellhom diversi argumenti u divverbji, l-attrici regghet marret tghix ghand il-genituri taghha, ghaliex il-konvivenza mal-intimat kienet saret wahda stressanti, ghaliex filwaqt li hi bilkemm kien qieghed ikollha biex tghaddi, l-intimat li kien qieghed jissellef il-flus minghand shabu, biex ikompli johrog u jonfoq- hafna flus fuq affarijiet personali tieghu.

Illi wara ftit l-intimat inbidel, u ghalhekk regghet marret tghix mieghu, illi pero' din is-sitwazzjoni ma damitx u l-argumenti regghu bdew. Illi bdew ukoll jinhassu id-differenzi kulturali bejniethom; fejn l-intimat ma kienx ihalliha tilbes certu mod jew tghum f'postijiet iffullati, u lanqas tpejjep fil-pubbliku.

Fis-sajf tas-sena 2016, waqt *bar-b-que* ghand xi hbieb tal-intimat, l-attrici giet bumbardjata illi hemm bzonn li jizzewgu ghaliex kif kienu qieghdin jghixu ma kienx xieraq. Illi l-attrici spiccat giet manipulata tidhol fi zwieg mal-intimat minkejja li hi kienet xettika. Illi eventwalment huma zzewgu nhar it-2 ta' Ottubru 2016. Illi wara t-tieg bdew iqattghu iktar hin mal-familja tal-attrici, li kienu qed jghinhom b'kull mod possibbli u anke ghenuhom bil-kirja tar-residenza f' Santa Venera. Illi pero' kien f'dan l-istadju li l-affarijiet iddegeneraw. L-intimat kien rega' bla xoghol, kellu jerga' jmur lura Franza biex igedded il-passaport u kellha tispicca thallaslu l-

akkomodazzjoni ommha ghaliex hi ma kellhiex flus biex thallaslu l-passagg u l-akkomodazzjoni.

L-intimat ried it-tfal ftit wara t-tieg taghhom, u minkejja li hi kienet qaltlu li hi ma kienitx lesta ghat-tfal, xorta wahda kien jisfurzaha biex ikollhom rapport bl-intendiment li hi tohrog tqila. Illi filfatt fi Frar tas-sena 2017, kienet harget tqila. Illi pero' l-glied u l-argumenti komplew jizdiedu, beda jghajjat iktar maghha, isabbat il-bibien, kien jorqod wahdu wara li jaghmel lejl barra. Illi lanqas tul it-tqala ma kien juri wisq interess u involviment. Tispjega illi kienu l-genituri taghha li xtraw hafna mill-affarijiet ghat-tabrija bhal-"cot", tixhed illi waqt il-hlas, l-intimat qaghad gej u sejjer, u ma baqax il-hin kollu maghha.

Illi wara t-twelid tat-tarbija, it-tarbija kellha tinzamm l-isptar ghall-gimgha u l-intimat kien ikun jew ix-xoghol jew jiehu kafe' ma shabu. Illi meta marru d-dar, l-intimat ma kien jaghti l-ebda ghajnuna, lanqas f'dak li jirrigwarda t-tarbija. Illi l-intimat beda jheddidha li ser jiehu lit-tarbija l-Libja u dan il-kliem kien ibezzaha. Kien jirrifjuta jhallas ghan-nappies, u medicina ghat-tarbija u kien ikollha issaqsi lill-genituri taghha. Illi l-argumenti zdiedu, u meta l-intimat irnexxilu jixtri karozza, kiseb liberta' gdida. Illi telaq mix-xoghol tieghu u spicca jahdem bhala *taxi driver*. Illi pero' minn meta beda jahdem bhala *taxi driver*, spicca jaghmel granet shah barra.

Tispjega kif l-intimat qatt ma kien ikun prezenti meta l-minuri kienet tkun ma tiflahx, u kif ir-responsabbilta' tat-trobbija tal-minuri kienet unikament fuq l-attrici. Illi b'kumbinazzjoni intebhet illi l-intimat kien irregistra lill-minuri fuq il-passaport tieghu, minghajr il-firma u l-kunsens taghha, u ghalhekk seta' jsiefer wahdu bil-minuri bil-passaport tieghu biss. Illi ghalhekk t-theddid tieghu johloq biza' kbira fl-attrici. Illi f'stadju minnhom, kien anke waqaf iwassal lill-minuri ghac-*childcare*, **b'dana illi l-attrici kien ikollha tohodha b' tal-linja fil-hamsa ta' filghodu waqt li l-intimat jibqa' rieqed d-dar**. Illi l-intimat ried li jkollhom tarbija ohra, u minkejja li hi kienet tirrifjuta, kien jistenna li hija torqod u jisforza ruhhu fuqha.

Tixhed illi meta l-minuri kienet qorbot biex tibda l-*kinder-garten*, kienu marru jirrisjedu l-Mosta. Illi f'jum minnhom meta kellhom imorru jiffirmaw xi emenda fil-kuntratt tal-kera, l-intimat informaha illi ma riedx li jibqa' jghix aktar maghha. Illi dakinhar stess, hi infurmat lill-genituri taghha b'dak kollu li kienet ghaddejja minnu. Illi minn dakinhar l'quddiem, l-intimat kien imur siegha fir-residenza tal-Mosta biex jara lill-minuri, izda hafna drabi kien jitlobha

biex terga' tahfirlu. Illi minn hemm l-intimat beda jmur fuq il-post tax-xoghol taghha bil-fjuri u jaghmel xenati fit-triq.

Illi sussegwentement bdiet il-proceduri ghas-separazzjoni, u f'dan l-istadju hi marret tghix ghand il-genituri taghha flimkien mal-minuri. Illi ghalkemm fil-bidu l-access kien wiehed regolari, f'punt minnhom l-intimat beda jasal tard, jikkancella minghajr pre-avviz. Illi f' Jannar tas-sena 2021, l-Appogg infurmawha illi l-intimat kellu jmur l-Libja biex jattendi ghall-funeral ta' missieru. Illi minn dakinhar 'l hawn l-intimat ma regghax gie lura Malta, u l-minuri ilha ma tarah minn Jannar tas-sena 2021.

Illi wara diversi xhur, bdiet tircievi numru ta' telefonati minhabba l-pagamenti tal-vetturi; illi peress li l-vetturi inxtraw fiz-zwieg, l-attrici kienet legalment responsabbli ghal dan id-dejn. Illi kienet lahqet ftehim mal-kumpaniji in kwistjoni biex thallas pagamenti mensili bl-ghajnuna tal-genituri taghha. L-attrici titlob l-awtorizzazzjoni biex hija tkun tista' tghammed lill-minuri biex hekk tkun tista anke taghmel l-ewwel tqarbina. Titlob ukoll li tirriverti ghal kunjom xbubitha, F.

***Missier l-attrici, PF, xehed permezz ta' affidavit (vide fol 134 et seq)*** u spjega illi fl-2015 binthom l-attrici kienet infurmathom illi qieghda f'relazzjoni mal-intimat. Huma ma kienux kuntenti b'dan l-ahbar, u kienu inkwetati minhabba d-differenza fl-eta tal-kontendenti u filfatt kienu hadu decisjoni illi huma ma rieduhx f'darhom. Illi darba minnhom marru lura d-dar u indunaw li binthom kienet telqet mid-dar u minghajr ma infurmathom, u ma kellhom l-ebda informazzjoni dwar fejn kienet qieghda tirrisjedi. Wara ftit xhur, kienet cemplitilhom biex tghidilhom li xtaqet tmur lura d-dar, u li kienet qieghda l-isptar. Illi pero' wara ftit xhur, binthom regghet harbet mid-dar biex tmur mal-intimat.

Wara li hadu parir spiritwali, huma kienu qalu lil binthom illi kienu lesti li jaccettaw lill-intimat ghandhom, izda binthom kienet infurmathom illi fi zmien tlett (3) gimghat hi u l-intimat kienu ser jizzewgu. Illi wara t-tieg, bdew jiltaqghu mal-kopja fuq bazi regolari, generalment id-dar tax-xhud, u wara sitt xhur mit-tieg, binthom qaltilhom li kienet tqila. Jispjega illi tul it-tqala, kienu nnutaw li l-attitudni tal-intimat kienet inbidlet, u filwaqt li beda jitraskura lil binthom, beda jqatta' hafna iktar hin ma' shabu. It-tarbija twieldet f' Novembru tas-sena 2017, u minn hemm l-affarijiet eskalaw. Kienu jircievu telefonati mic-*childcare*, peress li l-intimat ma jkunx gabar lill-minuri mic-*childcare*, u ghalhekk kienu hadu decisjoni li jigbru lill-minuri huma u

jiehdu hsiebha huma sakemm l-attrici tigi lura mix-xoghol. Jispjega illi l-intimat ma kienx jiehu wisq hsieb lit-tarbija u minhabba dan, bintu u l-argument kienu naturalment jargumentaw.

Jixhed illi huma ma kellhom l-ebda idea tal-abbuz fiziku u psikologiku li kienet qieghda tghaddi minnu binthom, sakemm darba minnhom kienet cemplitilhom biex imorru ghandha, u kienu sabuha tibki u qaltilhom illi l-intimat kien heddidha illi jekk hija turi b’dan kollu lil genituri taghha, l-intimat kien ser jivvendika ruhu fuqhom. Illi wara dan l-episodju, bdiet proceduri ta’ separazzjoni. L-intimat beda jsegwiha anke fuq il-post tax-xoghol, u johloq hafna problemi. Ghalhekk kienu talbu lil binthom sabiex tghix maghhom u t-tabrija kienu jkunu aktar siguri. Wara li fis-sena 2021 gew infurmati mill-Appogg illi l-intimat irritorna lura l-Libja biex jattendi ghal funeral ta’ missieru, ma regghux semghu bl-intimat. Illi minn hemm bdew problem ohra; dawk rigwardanti l-vetturi li kellu l-intimat. Illi filfatt bintu ghadha thallas il-bilanc pendenti fir-rigward tal-vettura Suzuki bin-numru ta’ registrazzjoni ELY 259.

***L-attrici xehdet nhar is-17 ta’ April 2023 (vide fol 238 et seq)*** u spjegat illi hi iltaqghet mal-intimat tramite konoxxenza in kommuni f’ Lulju tas-sena 2015 u dak iz-zmien kellha wiehed u ghoxrin (21) sena, filwaqt li hu kelli wiehed u tletin (31) sena. Illi minn hemm svolgiet ir-relazzjoni taghhom. Tishaq illi l-genituri taghha ma kienux kuntenti b’din l-ghazla taghha u pruvaw disswaduha milli tibqa’ f’din ir-relazzjoni. Tikkonferma illi imbaghad hi u l-intimat zzewgu fit-2 ta’ Ottubru tas-sena 2016. Illi meta kienu ghadhom gharajjes kien hemm episodji fejn il-lat aggressiv tal-intimat spikka. Tixhed illi f’okkazzjoni partikolari dan gara ghaliex hi selmet lil habib taghha waqt li kienu mixjin Paceville.

Tixhed illi wara ftit xhur, l-intimat beda jsemmi z-zwieg, izda l-attrici stqarret illi hi ma kienitx lesta ghaz-zwieg, izda minkejja dan u anke l-pariri kontra tal-genituri taghha, hi ddecidiet li tizzewweg lill-intimat xorta wahda. Tishaq illi l-intimat kien qieghed jheddidha illi jekk ma jizzewgux, hu kien ser jitlaqha. Illi tul ir-relazzjoni taghhom, l-intimat ma kienx izomm xoghol fit-tul u kien hemm diversi perjodi fejn ma kienx qieghed jahdem, u kien ghalhekk li kienet l-attrici li kienet thallas kollox. Illi sussegwentement, u minkejja li hi kienet qalet lill-intimat illi ma xtaqitx tfal ghalissa, hu kien jisforza ruhhu fuq, waqt li hi kienet tkun rieqda. Illi wara ftit gimghat intebhet li kienet tqila, u minn hemm l-attegjament tal-intimat mar ghall-aghar, tant li darba minnhom wadbilha fann.

Isostni illi tul it-tqala, kienet tattendi ghall-appuntamenti medici wahedha, ghaliex l-intimat qatt ma mar maghha, u dakinhar tat-twelied, kien qaghad gej u sejjer u filfatt kienu l-genituri taghha li kienu ta' sapport ghaliha. Meta marret lura d-dar, l-intimat qatt ma kien ikun id-dar u kien ihalliha wahedha u kien ukoll jheddidha li ser jiehu lit-tarbija pajjiz tant li kellha twaqqaf l-proceduri ta' separazzjoni li kienet bdiet. Minkejja li f'dan iz-zmien kien qieghed jahdem, l-intimat qatt ma kkontribwixxa, waqt li l-aggressivita' u l-vjolenza bdiet iktar taggrava.

Illi f'Dicembru tas-sena 2019, wara *staff party* tax-xoghol taghha, l-attrici waslet id-dar xis-siegha ta' filghodu, u kien ta *lift* kollega taghha. X'hin intebah b'dan, l-intimat kaxkarha minn gos-sodda ghal ma' l-art, habtilha rasha mas-sodda, beda jghajjat maghha, igara l-affarijiet, u ta daqqa ta' ponn lil inkwatru li kellhom mal-hajt. Dakinhar kienet cemplet ghall-ghajnuna tal-pulizija u anke kien sarilha *risk assessment* fejn giet klassifikata bhala medium. Illi sussegwentement hi marret tirrisjedi l-Mosta flimkien mal-minuri u fethet proceduri ghas-separazzjoni. Illi tul dan il-perjodu l-intimat kellu access b'supervizjoni gewwa l-Appogg, izda hafna drabi kien jigi tard jekk jikkancella s-sessjoni. Illi eventwalment, giet infurmata illi l-intimat rritorna lura l-Libja minhabba l-funeral ta' missieru, u kien sussegwentement iddecieda li jibqa' l-Libya. Sakemm kienu ghadhom jghixu flimkien, l-attrici rrilevat illi l-intimat kien jikkontrolla l-ilbies taghha, fejn tmur, u ma' min.

Il-minuri llum tattendi skola tal-knisja, pero ghadha mhux maghmda, minkejja li qieghda titrabba b'valuri Insara. L-attrici tikkonferma illi hi qieghda tirrisjedi ma' ommha u missierha in-Naxxar u li hi u l-intimat qatt ma kellhom propjeta' in komuni. Tixhed pero' illi l-intimat kellu xi dejn ma' Finance House u ma' Mizzi Motors, u filfatt kellha thallas id-dejn kollu pendenti fir-rigward tal-ewwel vettura li kellu l-intimat u filfatt gahdha thallas id-dejn fuq it-tieni vettura.

***Rita Gatt in rapprezentanza ta' Industrial Motors u United Accepted Finance Limited, prodotta nhar 12 ta' Lulju 2023,*** spjegat illi l-partijiet xtraw vettura minghand Industrial Motors Limited u inghataw finanzjament minghand il-UFL. Il-kuntratt gie ffirmat mill-koppja. Xehdet illi l-attrici qieghda puntwali mal-pagamenti b'dana illi l-pagamenti isiru regolari kull xahar. Ix-xhud ikkonfermat illi fil-bidu id-*deposits* kienu jsiru mill-intimat, izda imbaghad bdew isiri mill-attrici u fil-fatt dan l-ahhar kollha qieghdin isiru mill-attrici. Ix-xhud ezebiet kopja tad-dokumenti relattiv ghall-hlas. (Vide Dok RG1 –RG4).

***David Collins in rappreżentanza ta' Finance House, xehed nhar it-12 ta' Lulju 2023,*** u filwaqt illi esebixxa d-dokumentazzjoni relattiva (vide Dok DC1-DC7) ghall-hlasijiet li saru mill-partijiet fir-rigward ta' *loan* ghall-vettura, li nxtrat mill-partijiet fis-sena 2018, ikkonferma illi l-kont ġie mħallas kollu. Ix-xhud spjega illi minn Settembru 2020 sa' Frar tas-sena 2022 ma kienux saru pagamenti. Imbagħad fi Frar tas-sena 2022 bdew isiru hlasijiet bl-*internet banking*. Illi l-pagamenti minn Frar ta' tas-sena 2022 saru minn PF li jiġi missier l-attrici. Ix-xhud zied jispjega illi ghalkemm il-kuntratt kien fuq il-partijiet, il-*logbook* jghajjat persuna wahda, u jghajjat lill-intimat. Hemm indikat illi biex din il-vettura setghet tinbiegh jew tigi trasferita, il-kunsens tal-konjugi l-iehor huwa mehtieg.

***John Cutajar in rappreżentanza ta' JC Car Sales, xehed nhar it-12 ta' Lulju 2023,*** u spjega illi kien biegh vettura tal-ghamla Toyota Vitz lill-partjiet mis-*showroom* tieghu f' Hal Ghaxaq ghal prezz ta' EUR 8700 fuq bazi ta' *loan.* Il-partijiet kienu tawh EUR 1000 bhala *deposit*. Dak iz-zmien hu kien jghaddi lill-klijenti lil J Zammit Limited li iktar tard saret *Finance House*, u l-partijiet jiffirmaw kuntratt maghhom. Jixhed illi l-partijiet kienu bdew ihallsu pagamenti b'mod regolari sa madwar Settembru tas-sena 2020, fejn bdew jaqbzu xi pagamenti. Illi eventwalment huma kienu ghamlu kuntatt maghhom, pero imbaghad il-pagamenti kienu waqfu.

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza ta' separazzjoni personali wara talba maghmula mir-rikorrenti, li tikkontendi li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat minhabba ingurji gravi, eccessi, u sevizzi.

Fir-rigward ta' eccessi intqal illi dawn huma:

> ***"tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge".[1] Baudry Lacantinerie jghallem illi "Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima."[2]***

[1] Fadda giurisprudenza, Art. 150, Para. 214.
[2] Trattato teorica pratico di diritto civile delle persone Vol. IV, Para. 35.

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 1999, u citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> ***"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal strataġemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili".***

Fir-rigward ta' sevizzi imbaghad, dawn gew definiti bhala:

> ***"dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."[3] Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi "Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione".[4] Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

Jinsab ritenut illi:

> ***"…mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjuġġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodiċi ivili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare***

[3] Giuseppa Agius vs Pacifico Agius deciza nhar l-10 ta' Dicembru 1951, Qorti tal-Appell.
[4] Trattato teorica pratico di diritto civile delle persone Vol. IV.

***in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898].”***

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-***ismijiet Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta’ Novembru 2016 intqal illi:

***“Dan il-komportament abitwali [b’referenza ghal vjolenza fizika u morali] da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala ‘sevizzi’ fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta’ zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta’ zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili.”***

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marthese Vella pro et noe vs George Vella*** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ Frar 2003 illi:

***“l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta’ l-Imhallef sabiex jivvalutahom.”***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet AB vs CB deciza fit-28 ta’ Gunju 2018, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta’ abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendih hati ta’ sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta’ martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-atti jirrizulta illi l-partijiet iltaqghu fis-sena 2015, u ftit wara bdew jghixu flimkien. Illi l-attrici dak iz-zmien kellha wiehed u ghoxrin (21) sena, filwaqt li l-intimat kien ghaxar

(10) snin ikbar minnha. Illi sussegwentement izzewgu 2 ta' Ottubru 2016, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg *a fol 4* u minn dan iz-zwieg kellhom tifla, AE, li twieldet nhar X u llum ghandha X snin. **Illi jidher illi l-intimat ilu 'l fuq minn sena li telaq minn Malta u huwa kompletament assenti mill-hajja tar-rikorrenti u dik tal-minuri, b'dana illi l-intimat qatt ma rega' ghamel xi forma ta' kuntatt mal-istess minuri.**

***Htija ghat-tifrik taz-zwieg***

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed titlob illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali tal-partijiet, ghal ragunijiet unikament imputabbli lil intimat.

Il-Qorti rat ukoll illi l-Kuraturi Deputati ma rnexxilhomx jaghmlu kuntatt mal-intimat u ghaldaqstant ma pproducew l-ebda provi jew sottomissjonijiet ulterjuri. Illi ghalhekk u in vista ta' dan il-fatt, din il-Qorti hija kostretta li taghti l-gudizzju taghha unikament abbazi tal-provi prodotti mill-attrici li pproduciet mhux biss x-xhieda taghha izda x-xhieda ta' missierha PF, rapporti tal-Pulizija, ritratt tal-griehi konsegwenti tal-abbuz fiziku da parti ta' zewgha u *risk assessment.*

Wara li rat il-provi kollha ezebiti, din il-Qorti waslet ghal konvinciment illi l-verzjoni tal-attrici hija wahda verosimili.

Illi mill-provi in atti din il-Qorti rat kif iz-zwieg tal-partijiet kien wiehed karatterizat minn vjolenza kontinwa perpetrata mill-intimat fuq il-persuna tal-attrici anke minn qabel iz-zwieg. Rat kif l-intimat approfitta ruhhu mill-genwinita u l-eta' zghira tal-attrici, li kienet intilfet warajh kompletament. Rat ukoll illi mat-trapass taz-zmien l-attrici spjegat illi l-vjolenza bdiet aktar tizdied u tiggrava u din il-Qorti ma tiddubitax minn dan, vjolenza li sfumat f'diversi forom ta' abbuz iehor, fosthom dak **fiziku, psikologiku u sesswali**, tant illi l-intimat kien jisforza ruhhu fuq l-attrici minkejja li hi kienet tirrfjuta li jkollhom rapporti. Din il-Qorti semghat lil attrici tixhed kif hi kienet tahbi dak kollu li kienet ghaddejja minnu mill-genituri taghha, li minkejja qatt ma approvaw ir-relazzjoni taghha mal-intimat, qatt ma kienu jindahlu izda dejjem kienu ta' support ghaliha u ghall-minuri. Illi l-attrici gharfet lill-genituri taghha bl-abbuz kontinwu li kienet qieghda tigi sottoposta ghalih **biss** meta s-sitwazzjoni matrimonjali saret insapportabbli.

Jirrizulta ukoll illi l-intimat qatt ma kien bniedem wisq affidabbli, tant illi tul diversi perjodu bhala familja kellhom jistriehu biss fuq l-introjtu tal-attrici, li certament ma kienx bizejjed biex tghajjex familja u tarbija. **Illi di piu', meta l-intimat kien jahdem u jippercepixxi introjtu, l-introjtu tieghu qatt ma kien jintuza ghall-ispejjes u l-ghejxien ta' familtu, izda biex jintefaq fuqu nnifsu.** Illi kif jirrizulta mix-xhieda tal-attrici u dik ta' missierha, l-attrici kellha ddur fuq il-genituri taghha sabiex jghinuha b'mod finanzjarju diversi drabi.

Din il-Qorti rat illl-intimat dejjem naqas milli jaghti dak is-sapport lill-attrici, sapport li l-ligi stess tirrikjedi li konjugi jaghtu lil xulxin. Illi kif tixhed l-attrici, it-trobbija tal-minuri dejjem hadet hsiebha hi, b'dana illi rrizulta b'mod ampju illi l-intimat mhux biss naqas bhala konjugu imma anke bhala missier versu bintu. L-attrici xehdet kif l-intimat sahanistra kien **jirrifjuta li jwassal lil minuri ghac-*childcare,* u kien ikkonstringi lill-attrici tqajjem lill-minuri fis-sieghat bikrin ta' filghodu biex twassalha b'tal linja minn Santa Venera ghal Belt u mill-Belt ghall-Mosta.** Rat kif l-intimat kien jhedded l-attrici li ser jiehu lill-minuri il-Libja, biza li setghet facilment tavvera ruhha, stante li jidher li l-intimat kien irregistra lill-minuri fuq il-passaport Libjan tieghu u ghalhekk seta' jsiefer bil-minuri bl-uzu tal-passaport tieghu biss.

Illi l- imgieba tal-intimat tul iz-zwieg tieghu mal-attrici huwa fl-antitesis ta dak li ghandu jkun ragel mizzewweg u missier xieraq bi ksur lampanti tad-doveri ta' ragel mizzeweg u d-doveri tieghu ta' missier. Ghalhekk tenut kont ta' dan kollu u tal-fatt illi intimat kien ihalli lill-attrici u l-familja taghhom nieqsa mill-flus, tafferma illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tfarrak unikament htija tal-imgieba ingurjuza u sevizzjevoli tal-intimat fil-konfront ta' martu r-rikorrenti u tan-nuqqasijiet serji minn naha tal-intimat fid-doveri legali tieghu bhala ragel mizzewweg u missier tal-familja

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tfarrak unikament htija tal-intimat a kawza ta' sevizzi, u eccessi, kommessi mill-intimat kontra l-attrici, li rrendew il-hajja konjugali impossibbli.

***Komunjoni tal-Akkwisti***

Din il-Qorti tosserva illi l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ghandha *in vigore.* Illi pero' fl-atti ma hemm ebda talba ghal xoljiment jew divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti pero' taghraf illi n-nuqqas ta' xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, tista tippregudika serjament lill-attrici fil-futur.

Il-Qorti rat illi l-Legislatur Malti pero, haseb ukoll ghal tali cirkostanza. Infatti, l-Artikolu 1332 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid is-segwenti:

> ***(1) Il-qsim ġudizzjarju ta' beni jista' jiġi dikjarat –***
> ***(a) ma' l-interdizzjoni jew l-inkapaċità ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ; jew***
> ***(b) meta s-sitwazzjoni diżordinata ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ jew l-imġieba tagħha dwar l-amministrazzjoni tal-akkwisti tipperikola l-interessi tal-komunjoni tal-akkwisti, jew tal-familja jew tal-parti li titlob il-qsim ġudizzjarju tal-beni; jew***
> ***(ċ) meta waħda mill-partijiet fiż-żwieġ tonqos sostanzjalment fid-dmir li tagħti sehemha għall-ħtiġiet tal-familja skont l-artikolu 3; jew***
> ***(d) meta waħda mill-partijiet fiż-żwieġ tkun ġiet eskluża mill-amministrazzjoni skont l-artikolu 1325, jew b'mod ġenerali jew sostanzjalment; jew***
> ***(e) mal-firda legali tal-miżżewġin. (enfasi ta' din il-Qorti)***

F'kawzi ta separazzjoni fejn ikun hemm in-nuqqas ta' talba preciza ghal-xoljiment u divizjoni, il-gurisprudenza Maltija irriteniet is-segwenti:

> ***Dwar il-Komunjoni tal-Akkwisti:***
>
> ***L-attriċi titlob biss il-likwidazzjoni u l-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti, mingħajr ma titlob ukoll ix-xoljiment tagħha. Minkejja dan, il-Qorti tħoss illi jkun xieraq u opportun illi xxolji l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u dana bis-saħħa tal-Artikolu 1332 (1)(e) tal-Kapitolu 16 ta' Liġijiet ta' Malta u wkoll bis-saħħa tal-ħames talba tal-attriċi fejn hija talbet lill-Qorti tagħti dawk l-ordnijiet u ddirettivi oħra li l-Qorti jidhrilha xierqa. Għaldaqstant bis-saħħa tal-preżenti, il-Qorti qiegħda tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B.***

***Illi l-attriċi tiddikjara illi l-partijiet m'akkwistaw xejn fiż-żwieġ – la propjeta` immobbli, la kontijiet bankarji u lanqas vetturi. Illi għaldaqstant ma hemm xejn li jeħtieġ jiġi likwidat, diviż u assenjat u fil-fatt il-Qorti m'hijiex ser tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba tal-attriċi.***[5]

Illi ghalhekk u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet sopra, din il-Qorti tghaddi biex tindirizza dan.

***Dar Matrimonjali:***

Illi mit-testimonjanza tal-attrici jidher illi l-partijiet qatt ma kellhom propjeta in kommuni, u dana stante li l-fond fejn kienu qieghdin jirrisjedu kien taht titolu ta' kera. Illi l-attrici ddikjarat illi ghas-sigurta' u l-benessere taghha u tal-minuri fil-present qieghda tirrijsedi mal-ġenituri taghha.

***Vetturi:***

Mill-provi in atti jidher illi fiz-zwieg inxtraw zewg vetturi fuq bazi ta' self; Toyota Vitz u Suzuki bil-Y Plate li kienet tintuza mill-intimat ghax-xoghol tieghu bhala *cab driver*. Illi mix-xhieda prodotta din il-Qorti rat illi filwaqt li l-genituri tal-attrici hallsu l-bilanc pendenti fuq il-vettura tal-ghamla Toyota Vitz, l-attrici ghadha thallas il-bilanc pendenti fuq l-vettura tal-ghamla Suzuki. Illi fic-cirkostanzi, il-Qorti tqis illi dawn z-zewg vetturi ghandhom jigu assenjati lill-attrici.

Illi di piu din il-Qorti tordna illi l-intimat ghandu jhallas nofs id-dejn ta' EUR 5840 imhallas mill-genituri tal-attrici fir-rigward l-vettura Toyota Vitz, u nofs d-dejn dovut lil Mizzi Motors ta' EUR 8900, liema dejn ghandu qieghed jithallas mill-attrici. [6]

***Kontijiet Bankarji:***

[5] A B f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri I B nominata b'digriet tal-Qorti tas-16 ta' Gunju, 2016 vs C B u b'digriet tal-1 ta' Dicembru, 2017 l-Avukat Dr Patrick Valentino u il-PL Daniel Aquilina gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C B, Deciza: 5/12/2018.

[6] Vide affidavit tal-attrici a fol 168.

Din il-Qorti tosserva illi ma ngabu l-ebda provi ghar-rigward, pero l-attrici xehdet illi minhabba n-numru ta' sekwestri li hemm fil-konfront taghha minhabba d-dejn kontrattat mill-intimat, hija ma tistax tiftah kontijiet bankarji. Illi ghalhekk u fic-cirkostanzi, din il-Qorti tordna illi fl-eventwalita li hemm xi kontijiet bankarji intesti f'isem il-partijiet, dawn qieghdin jigu assenjati lil dik il-parti li lilha jkunu intestati.

Illi din il-Qorti tordna illi kwalsiasi obbligazzjoni u/jew dejn illi kull wahda mill-partijiet jista' talvolta jkun assuma, dina l-obbligazzjoni u/jew dejn ghandha tkun responsabbilta' esklussiva ta' dik il-parti li tkun assumietha.

***Kura u Kustodja ta' bint il-partijiet***

F'dan ir-rigward l-attrici qieghda titlob illi tigi fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri.

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri***. [7] Fil-kawza ***Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli***[8] intqal:

> ***Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-mizzewgin], sew fil-ligi antika u sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin sew meta l-jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment.***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

[7] Enfazi tal-Qorti.
[8] Deciza 25/06/2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.

*"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi fil-kawża fl-ismijiet ***Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless[9]*,** il-Qorti kienet qalet illi:

***La cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitara col marito, deve essere commessa ed affidata a colui frai u conjugi che si rinconoscera piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla lora eta' ed a tutte le circostanza del caso sotto quei provvedimenti che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli.***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[10] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[11]

***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud[12]*** fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri,***

[9] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil- 8 ta'Dicembru 1858.
[10] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[11] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.

***idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'*[13]**

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[14]

*"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".*[15]**

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

---

[13] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[14] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[15] Enfazi tal-Qorti.

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[16] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

Wara li din il-Qorti qieset l-attagjament vjolenti tal-intimat tul iz-zwieg, kemm versu martu u kif ukoll in-nuqqas ta' interess totali versu bintu, taghraf illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri AE li l-attrici omm tkun vestita unikament bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri, b'dana illi l-attrici omm hija awtorizzata li tiehu kwalsiasi decizjoni ordinarja jew straordinarja relatata mal-minuri **wahedha** minghajr il-htiega tal-firma, il-kunsens jew presenza tal-intimat. Illi din il-Qorti tawtorizza lill-attrici tapplika ghall-passaport tal-minuri u t-tigdid tieghu minghajr il-htiega tal-firma, kunsens jew presenza tal-missier kif ukoll tawtorizza lill-attrici ssiefer bit-tifla minghajr awtorizzazzjoni, kunsens jew firma tal-intimat. Di piu', tawtorizza lill-attrici tghammed lill-minuri gialadarba l-minuri issa qieghda titrabba b'valuri nisranija.

***Manteniment ghal ulied il-partijiet:***

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

---

[16] Enfazi tal-Qorti.

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***...........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti***

***Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

> ***"......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

Illi kif indikat mill-attrici stess fl-affidavit taghha, l-intimat huwa assenti. Illi ad ogni caso, din il-Qorti tqis illi l-intimat ghandu jigi ordnat ihallas is-somma ta' EUR 350 bhala manteniment ghall-minuri bintu, liema somma tinkludi sehem l-intimat mill-ispejjes ta'sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari, tal-minuri. Illi din il-Qorti tordna illi dana l-ammont ghandu jinqata direttament minn kwalsiasi salarju, introjtu u/jew beneficcju li l-intimat jista talvolta jkun qieghed jircievi u ghandu jigi versat direttament f' kont bankarju indikat mill-attrici. Illi dana l-ammont ghandu jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja u u ghandu jibqa' jithallas sal-eta stipulata fil-ligi u cioe sakemm il-minuri taghlaq tlieta u ghoxrin (23) sena, fl-eventwalita' li l-istess tibqa' tistudja u ma tahdimx fuq bazi full-time.

Illi fir-rigward l-arretrati ta' manteniment u spejjes dovuti din il-Qorti tordna lill-intimat ihallas l-arretrati ta' manteniment u spejjes dovuti lill-attrici u cioe' minn Mejju 2021 sal-lum, fl-ammont ta' €200 fix-xahar liema ammont huwa il-minimum ta' manteniment ghal kull wild biex jigi accertat ghixien dicenti tat-tfal u dana anke in vista tal-fatt illi qatt ma kien hemm ordni ta' manteniment minn Qorti precedenti:

- Mejju 2021 sa Dicembru 2021 – 7 xhur
- Jannar 2022 sa Dicembru 2023 – 24 xhur
- Jannar 2024 sa Frar 2024 – 2 xhur

**= 33 xhur x €200 = €6600**

Din il-Qorti tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'F'.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-intimat; u tawtorizza lill-attrici sabiex tghix separatament minn ma' zewgha u tawtorizza taghmel l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens, intervent u/jew awtorizzazzjoni tal-konvenut nomine;**

2. **Tilqa' it-tieni talba u u tordna ir-residenza primarja tal-minuri AE ghandha tkun mal-omm b'dana illi d-domicilju u r-residenza abitwali tal-minuri ghandha tkun Malta.**

3. **Tilqa' t-tielet talba u tafda l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri f'idejn l-attrici omm u tvesti is-setgha tal-genitur esklussivament f'idejn l-attrici omm. Illi din il-Qorti tawtorizza lill-attrici omm tiehu d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe` dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug u tigdid ta' passaport u safar tal-minuri, esklussivament wahidha, minghajr htiega awtorizzazzjoni, firma, kunsens jew presenza tal-intimat;**

4. **Tilqa' r-raba talba u tordna lill-intimat jivversa s-somma ta' EUR 350 fix-xahar bhala manteniment ghal minuri liema somma tinkludi sehem l-intimat mill-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni. Illi din il-Qorti tordna illi l-manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja u ghandu jibqa' jithallas sal-eta stipulata fil-ligi u cioe sakemm il-minuri taghlaq tlieta u ghoxrin (23) sena, fl-eventwalita' li l-istess tibqa' tistudja u ma tahdimx fuq bazi full-time. Il-manteniment ghandu jigi versat direttament f' kont bankarju indikat mill-attrici u ghandu jinqata' direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficji socjali li jista' talvolta jkun qieghed jippercepixxi. Din il-Qorti tordna lill-intimat ihallas dawk l-arretrati ta' manteniment u spejjes dovuti lill-attrici;**

5. **Tilqa' l-hames talba u tawtorizza lill-attrici tghammed lill-bintha minuri bhala Nisranija (Roman Catholic);**

6. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt talba stante li din giet indirizzata hawn fuq;**

7. **Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti bis-segwenti mod;**

   i. **Illi fl-eventwalita' li hemm assi parafernali u/jew dotali, ghandhom jigu restitwiti lil dik il-parti li jkunu jappartjenu, b'dana illi din il-Qorti tordna liz-zewg partijiet sabiex jikkonsenjaw lil l-parti l-ohra kwalunkwe oggetti mobbli jew imobbli parafernali u/jew dotali li jinsabu fil-pussess taghhom lil dik il-parti fi zmien gimghatejn mid-data ta' din is-sentenza;**
   ii. **Rigward kontijiet bankarji, u fl-eventwalita li hemm kontijiet bankarji intestati fuq isem il-partijiet, din il-Qorti tordna u tassenja tali kontijiet bankarji lil dik il-parti li f'isimha jkunu intestati;**
   iii. **Illi din il-Qorti tordna illi kwalsiasi obbligazzjoni u/jew dejn illi kull wahda mill-partijiet jista' talvolta jkun assuma, dina l-obbligazzjoni u/jew dejn ghandha tkun fir-responsabbilta' esklussiva lil dik il-parti li tkun assumietha.**
   iv. **Tassenja iz-zewg vetturi tal-ghamla Toyota Vitz u Suzuki lill-attrici;**
   v. **Tordna illi l-intimat ghandu jhallas nofs id-dejn ta' EUR 5840 imhallas mill-ginituri tal-attrici fir-rigward l-vettura Toyota Vitz, u nofs d-dejn dovut lil Mizzi Motors ta' EUR 8900, liema dejn ghandu qieghed jithallas mill-attrici.**

8. **Tapplika kontra l-intimat l-effetti tal-Artikolu 48 u 51 sa 55 tal-Kodici Civili** ***in toto*** **u tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali hekk kif mahsub fl-istess artikoli;**

9. **Tilqa' l-ghaxar talba u tawtorizza lill-attrici izomm kunjom xbubutha u cioe**

**F;**

10. **Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku.**

**L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu tal-intimat izda jithallsu provvizorjament mill-attrici.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**